

Brussell, 27 ta' Frar 2017
(OR. fr)

6580/17

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0281 (COD)

CODEC 251
DROIPEN 21
COPEN 55
JAI 162

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI - Adozzjoni tal-att leġislattiv (AL+ D)

1. Fit-3 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 83(1) TFUE²³.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Marzu 2016⁴.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-16 ta' Frar 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.

¹ dok. 14926/15.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-protokoll imsemmi, dawn l-Istati Membri mhumix jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-direttiva u mhumix marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

³ Konformement mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ ĠU C 177, 18.5.2016, p. 51.

⁵ dok. 6338/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 53/16;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjoni li tidher fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
